# Riforma tal-Liġi tal-Prostituzzjoni

Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2019

# Indiċi


I. Kelmtejn mill-kordinatur
II. Introduzzjoni fuq iż-żewġ mudelli: Il-Mudell Nordiku u l-Mudell tan-New Zealand
III. L-eta' legali ghal kunsens biex taħdem fil-qasam tal-prostiruzzjoni
IV. Saħħa
V. Fastidju Sesswali
VI. Edukazzjoni
VII. Tagħrif sesswali għal persuni b'diżabbilita'
VIII. Parteċipanti

## Kelmtejn mill-koordinaatur

Bħala grupp ta' żgħażagħ li għażel li jaħdem fuq is-suġġett tar-riforma tal-liġi tal-prostituzzjoni, inkun sinċiera u nammetti li ma kienitx faċli biex ħloqna dawn il-proposti. Nametti li kollha ġejjin minn trobbija privileġġata u għalhekk kienet iktar diffiċli biex noħorġu b'numru proposti konkreti li jwasslu għat-triq tas-soluzzjoni. Minkejja dan, qrajna u fittixna kemm stajna biex insaħħu l-għarfien tagħna. Bejn impenn jew ieħor li kellna xorta sibna iċ-ċans biex nagħmlu laqgħat ma għaqdiet non governattivi fejn għenuna nifhmu iktar ir-realtajiet kif ukoll introduċewna għal mudelli differenti u esperti barranin ta' dan is-suġġett. Staqsejna ukoll lil sħabna, żgħażagħ oħra, fuq ir-riforma tal-liġi tal-prostituzzjoni biex naraw oħrajn x'jaħsbu. Ta' dan nirringrazzjhom talli żewqu r-riċerka tagħna għax kienu ta' għajnuna għalina sabiex inkunu nistgħu nifhmu iktar aħjar x'jaħsbu żgħażagħ oħra.

Nemmnu bħala partit illi l-edukkazzjoni għandha tkun ta' pedament sod biex nagħllmu liż-żgħar fuq is-saħħa sesswali u ir-realtajiet tal-prostituzzjoni. Inkomplu imbgħad billi nsaħħu  is-servizzi li għandna kif ukoll ikollna dejjem il-mediċina li ikun hemm bżonn f'każ ta' mard sesswali. Nemmnu ukoll li hemm bżonn ta' diskussjonijiet u riċerka serja fuq  servizzi tal-prostituzjoni għal użu ta' persuni b'diżabillita'.

Dawn il-proposti li qed nippreżentaw, inkitbu minn grupp ta' żgħażagħ li jixtieq jara iktar tagħlim inklussiv fuq skala nazzjonali u iktar riċerka għal benefiċċju tal-ġenerażżjoni li ġejja u għalhekk il-proposti tagħna huma miftuħin għad-diskussjoni.

# Il-Mudell Nordiku u l-Mudell ta' New Zealand

Is-soċjeta' li ngħixu fiha hija waħda patrijarkali u minħabba f'hekk in-nisa, l-irgiel u l-persuni trans li jaħdmu fis-settur tas-'sex trade' huma trattati biss bħala persuni li jistgħu jiġu uzati u abużati kif jaraw xieraq minn min jixtri s-servizzi tagħhom. Allura, il-prostituzzjoni hija forma ta' vjolenza, specjalment fuq in-nisa, peress li huma l-ikbar demografika fil-prostituzzjoni, ghax tinvolvi l-att tas-sess li m'huwiex kunsenswali. Ghaldaqstant, hija ukoll deteriment fuq is-soċjeta' għax tkompli tħawwel sterjotipi li n-nisa huma biss ġisem għas-sess u li l-irgiel ma jistgħux jgħixu mingħajr l-att tas-sess għax hija deteriment għal ħajjiethom. Kif ukoll inkomplu ngħallmu lit-tfal li ċertu nies fis-soċjeta' huma biss komoditajiet.

Il-Mudell Nordiku huwa maħluq fuq tlett pilastri li huma dawn:

- Li l-bejgħ tas-sess m'huwiex kriminali [Il-prostituti m'humiex kriminali]
- Li tixtri s-sess huwa att kriminali
- Li jinħolqu servizzi ta' għajnuna sabiex ikunu jistgħu joħorgu mill-prostituzzjoni bħal;

- Għajnuna għall-housing
- Għajnuna legali
- Għajnuna sabiex joħorġu mill-vizzju tad-droga
- Sapport psikoloġiku u emozzjonali
- Jingħataw edukazzjoni u training
- Jingħataw kura u għajnuna għat-tfal
- Isibu xogħol alternattiv u jiġu rijintegrati fil-komunita'
- Jingħataw l-protezzjoni.

Isostni ukoll li l-prostituzzjoni ma jistax jitqies bhala xogħol għax ma jimxiex mal-liġijiet tas-saħħa u l-harsien kif għandhu jkollu kull xoghol skond ir-regoli tat-Trade Unions. Għalhekk dan il-mudell ma' jaqbilx li kull aspett tas-'sex trade' jigi d-dekriminalizzata għax tkompli xxerred il-messagg li m'hemm ebda hazen fil-prostituzzjoni u tkompli taghmilha difficili biex jigu ffurmati s-servizzi ta' ghajnuna.

Dan il-mudell jiffokka ukoll fuq l-edukazzjoni li għandha tingħata lil-pubbliku, billi jiġu ffurmatti programmi kontra l-bejgħ tas-sess u human trafficking, edukazzjoni ghat-tfal, training specifiku lil-pulizija u lil-ħaddiema fid-dipartiment tas-Saħħa, servizzi tal-għajnuna konkreti bhal aġenziji u servizzi soċjali mghammra sew u sapport kemm socjali u ekonomiku lil dawk l-individwi li jaslu biex johorgu mill-prostituzzjoni.

F'1999, l-Izvezja, biddlet il-ligijiet taghha u dahlet l-Mudell Svediz, li llum il-gurnata nafuh bhala l-Mudell Nordiku. Sar dan, ghax wara hafna snin ta' ricerka, raw li n-nisa kellhom jibghqu jew ddahhlu

fil-prostitutzzjoni minhabba fatturi ta' marġinalizzazzjoni socjali u ekonomici, l-abbuz sesswali, l-abbuz tas-sustanzi tad-droga, t-traffikar tan-nies u l-iskjavitù sesswali.

Il-mudell nordiku inbena fuq dawn il-punti ewlenin:

- Biex jitnaqqas is-suq tal-prostituzzjoni
- Biex jiffokkaw fuq is-sigurta' u l-ħarsien tal-individwi li qedghin fil-prostituzzjoni
- Biex juri r-rabta bejn it-traffikar u l-prostituzzjoni mill-kuncett tad-domanda ghan-nies
- Biex jbiddel il-mentalita' tal-pubbliku u ta' dawk l-irgiel li gieli xtraw xi servizzi sesswali biex jiskoraġġixxu ruhhom biex jerghu jaghmlu dan.

Wara li ddahhal il-mudell, matul is-snien komplew bir-ricerka taghhom u sabu li l-mudell:

- Kien effettiv fil-qasam ta' tnaqqis tas-suq tal-prostituzzjoni u fit-traffikar tan-nies ghas-sess
- Il-prostituzzjoni tat-triq kien kwazi gheb
- Forom ohra tal-prostituzzjoni naqsu
- Naqas il-persentaġġ tan-nisa fil-prostituzzjoni
- Kien hemm iktar kooperazzjoni kollettiva bejn il-pulizija, tas-servizzi socjali u l-NGOs
- Ingenerali naqset id-domanda
- Ma kienx hemm zieda fil-prostituzzjoni meta bdew jaghmlu l-paraguni ma' pajjizi ohra li ghad ghandhom ligijiet miftuhin fuq il-prostituzzjoni
- Iddahhlu ligijiet godda rigward l-vjolenza f'relazzjoni intima u l-irgiel li jwetqu dan
- Informazzjoni iktar vasta fuq stupru
- Iktar servizzi socjali ghal dawk in-nisa li qedghin jesperjenzaw il-vjolenza
- Dispożizzjonijiet aktar rigorużi rigward il-fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol
- Iktar fondi ghax-xelters tan-nisa u iktar ricerka fuq il-vjolenza fuq in-nisa
- Stabbiliment fuq rapporteur nazzjonali fuq it-traffikar fin-nisa
- Linja nazzjonali ghan-nisa li qedghin jesperjenzaw il-vjolenza.

Minkejja dan kollu, dawk li huma favur id-dekriminalizzajoni ta' kull aspett tas-'sex trade', specjalment l-ghaqdiet ghad-drittijiet tas-'sex workers', stqarru li minħabba dan il-mudell x'aktarx li l-prostituzzjoni spiccat 'underground' u li n-nisa qedgħin jiġu esposti għal-kundizzjonijiet iktar vjolenti. Pero, minn rapport li harget lis-'Swedish Instiitute' fl-2010, instab li ma kienx hemm moviment fil-prostituzzjoni allura din ma spiċċatx 'underground'. Kif ukoll, billi l-informazzjoni fuq is-servizzi sesswali fuq is-siti elettronici zdiedet, xorta ma kienx hemm evidenza li l-ammont ta' persuni fil-prostituzzjoni żdiedet. Madankollu, l-Izvezja hija wahda mill-pajjizi fejn b'mod generali kien hemm nuqqas fil-prostituzzjoni domestika u fit-traffikar tan-nies ghas-sess u nuqqas ta' rgiel li jaghzlu biex jixtru servizzi sesswali. Minhabba s-sapport li ghandhom in-nisa grazzi ghal dan il-

mudell, jsibuha aktar faċ;i biex jirrapportaw lil dawk li jigu jixtru s-sess lill-pulizija. Illum il-ġurnata, l-Izvezja hija pajjiz ta' riskju kbir ghat-traffikanti minhabba l-Mudell Nordiku.

Skond dan il-mudell, il-vjolenza fuq ebda livell m'ghandha qatt tigi accettatta!

Wara l-Izvezja, dan il-mudell ġie implementat minn Norveġja, l-Islanda, l-Irlanda, Franza u l-Kanada. Kif ukoll huwa appoggjat mill-European Women's Lobby, il-Parlament Ewropew u bosta mill-għaqdiet lokali tan-nisa.

Il-Mudell tan-New Zealand

F'2003, ġie iffurmat l-'Prostitution Reform Act' fin-New Zealand li jistqarr li s-'sex work' ha jigi d-dekriminalizzat, filwaqt li din ir-riforma toffri iktar awtonomija u agenzija fizika lis-'sex workers'.

Dan  l-mudell inbena fuq dawn il-punti ewlenin

- Li jkun hemm kuntratturi indipendenti
- Li s-'sex workers' joħolqu huma l-prezzijiet tas-servizzi
- Li s-'sex workers' jaħdmu skond is-sieghat u l-ġranet li jridu huma
- Li s-'sex workers' jaghzlu huma x'tip ta' ħwejjeġ jilbsu waqt xogħolhom
- Li s-'sex workers' jiddeċidu huma x'tip ta' servizzi sesswali joffru
- Li s-'sex workers' jiddeċidu huma x'tip ta' reklamar huma lesti li jaghmlu
- Li s-'sex workers' jkunu mħarsa taħt il-liġijiet tas-saħħa u l-ħarsien.

Dawn il-punti ntħarrġu fuq il-premura li persuna; mara, raġel jew individwu trans, taghzel li tidhol fil-prostituzzjoni skond ir-rieda taghha, dik li tisejjah 'free choice'. Għalhekk dawn is-'sex workers' għandhom jigu mħarsa kontra kull abbuż li jistgħu jesperjenzaw minħabba s-'sex trade', l-pimps u s-sistema legali li taħdem kontrihom.

B'hekk intħargu dawn il-punti ta' kif ha jaħdem il-mudell:

- Id-drittijiet tas-'sex workers' ha jigu rikonoxxuti u mharsa
- Is-'sex workers' awtomatikament ha jigu mharsa kontra kull forma ta' esplojtazzjoni
- Is-sahha u l-harsien tas-'sex workers' tinghatha importanza u iktar gharfien
- Jinholqu servizzi konkreti fis-settur tas-saħħa
- Protezzjoni akbar ghat-tfal kontra l-esplojtazzjoni relattat mal-prostituzzjoni
- Il-prostituzzjoni u l-pimping jigu rikonoxxutti bħala xogħol normali taħt il-liġi u jħallsu t-taxxi
- Jsir tentattiv biex titnaqqas il-vjolenza u l-istigma
- Paga ugwali bejn il-pimps u s-'sex workers'

- Aċċess faċli għal-kondoms u biex isiru t-testijiet tal-HIV.

Minkejja dan kollu, wara li stabbillixxa ruħu l-mudell fil-ligi, r-riċerkaturi sabu li awtomatikament kien hemm żieda fid-domanda u li t-traffikar fin-nies kompla jizdied biex jkomplu jissodisfaw id-domanda kbira li kellhom. Dan kollu seħħ għax il-'Prostitution Reform Act' illegalizzat kull aspett tas-'sex trade'. Din ir-riforma kompliet tistabblixxi li n-nies vulnerabbli, specjalment subsett tan-nisa, jistghu jigu użati bħala bicca laham ghall-bejgh biex jissodisfaw lill-irgiel. Hekk il-mudell jsostni li r-raġel għandhu kull dritt ghas-sess dejjem.

Matul is-snin, ir-riċerkaturi li huma kontra dan il-mudell sabu li:

- Kien hemm zieda kbira fil-hinijet u granet li jahdmu s-'sex workers'
- Ntharrgu prezzijiet godda u multi godda
- Ġie introdott il-'all inclusive package' fejn dawk li jixtru s-servizzi tas-sess jistgħu jagħmlu dak kollu li jridu
- Is-'sex workers' ma kellhomx dritt li jitkellmu kontra dak li kellhom jagħmlu fuq il-post tax-xogħol
- Is-sidien tan-negozju, il-pimps, kellhom il-kontroll fuq il-prezzijiet tas-servizzi u jieħdu d-deċiżjonijiet kollha huma
- Min jixtri, Il-punters, bdew jaghmlu li jridu
- Il-punters bdew jitolbu li s-'sex workers' jagħmlu aktar milli suppost għal inqas ħlas
- Ma kienx hemm żieda fis-sigurta'
- Il-vulnerabbiltà tan-nisa zdiedet
- Kien hemm abbuż finanzjarju peress li l-pimps bdew jieħdu l-flus kollha huma
- Hadd ma jista jċempel lill-pulzija ghax il-linja ġiet imblukkata
- Ma kienx hemm konsegwenzi fil-ligi kontra dawk il-punters li huma vjolenti
- Is-'sex workers' bdew isibuha diffiċili biex jaċċessaw il-benefiċċji tal-qgħad waqt il-perjodu tal-kummerċ baxx
- Il-gangs bdew jbiehu l**in-nisa għal-prostituzzjoni imma l-aqwa li jħalsu t-taxxi**
- żieda f'atti tas-sess li huma kontra l-liġi, bhas-sess minghajr l-uzu ta' kondom
- Il-prostituzzjoni svolgiet f'suq tax-xerrejja
- Il-maggoranza tal-persuni fil-prostituzzjoni kienu kollha nies fqar, nies Maori jew Asiatiċi, nies bla dar u nies ta' kulur, nies vulnerabbli
- Il-kriminalità, l-fastidju sesswali u l-fastidju b'mod ġenerali kollha żdiedu
- Il-burdelli bdew jiftħu f'postijiet residenzjali
- Fil-hinijet tal-iskola, it-tfal bdew jigu esposti ghal kondoms mal-art u s-'sex workers' jistennew fit-toroq
- Ir-residenzi spiccaw jneħħu affarijiet bħal kondoms u siringi minn quddiem il-bibien tad-dar tagħhom

- L-uzu tad-droga, l-abbuz, il-kriminalita’ organizzata u t-traffikar tan-nies komplew jzdiedu
- Programmi għas-servizzi tal-għajnuna kienu inezistenti
- Hames ‘sex workers’ gew maqtula
- Is-‘sex workers’ bdew jesperjenzaw iktar vjolenza, theddid ta’ vjolenza, stupru u serq mill-punters
- Kien hemm zieda fis-‘sex trade’
- Il-burdelli li kienu joperaw b’erbgha jew inqas ‘sex workers’ ma kellhomx ghalfejn jirreġistraw
- L-esplojtazzjoni tat-tfal kompliet
- It-tfajliet ta’ taht l’eta’ kienu qedghin jiġu traffikati għas-sess bil-mod ta’ ‘domestic trafficking’
- Is-‘sex workers’ li ghadhom taht l’eta’ m’humiex mharsa taht il-ligi ‘Prostitution Reform Act’
- Il-legalizzazzjoni tal-prostituzzjoni ghenet biex jzdied it-traffikar fi New Zealand stess
- L-iskjavitù sesswali kienet qed tiġi leġittimiżżata
- Saħħaħ il-kultura tal-istupru
- Id-dekriminalizzazzjoni hija detriment tad-drittijiet umani.

Minhabba dawn il-problemi kollha li jġib mieghu dan il-mudell, il-gvernijiet kollha li daħħlu dan il-mudell issa qed jaffaċja dawn il-konsegwenzi u qedghin jippruvaw jirranġaw l’affarijiet.

Wara New Zealand, dan il-mudell ġie implementat mil-Olanda, l-Ġermanija, u n-New South Wales, fl-Awstralja. Kif ukoll huwa appoġġjat mis-‘sex industry’.

# Proposti

# Eta’ legali ghal kunsens biex taħdem fil-qasam tal-prostituzzjoni

1. Bħala grupp ilkoll flimkien ħarisna u analizzajna bosta ġurisdizzjonijiet fejn il- prostituzzjoni hija legali kif ukoll lejn il-mudelli nordici u dak ta New Zealand u ħriġna bil-konkluzjoni li l- età legali biex persuna jkun jista jipprattika dan it- tip ta xogħol għandu jkollu minn tal-inqas 18 -il sena.

Iddecidejna dan bhala grupp minhabba l- fatt li f’ pajjizi fejn il- prostituzzjoni hija regolata, il- ligi li tippermetti li persuna jaghmel dan it- tip ta xoghol hija ta 18. Persuna ta’ 18 hija globalment ikkunsidrata bhala adulta u bijologikament persuna ta’ din l- età hija kapaci bizzejjed biex tiehu d-decizjonijiet ghaliha nnifisha u f’ cirkostanzi bhal dawn il- persuna in kwistjoni trid tkun hi li taccetta u tiddeciedi ghaliha nnifisha minghajr ma jkun hemm influwenzi minn persuni ohra jew inkella jkun hemm persuni li jieħdu deċizjonijiet bhal dawn għall-persuni ohra.

Meta ġejna biex nieħdu din id-deciżjoni, rajna kif ukoll ħadna inkonsiderazzjoni l-ligi tal-kunsens li giet riċentament emendata fil- Parlament Malti fejn l-eta tal-kunsens sesswali niżżlet għal dik ta’ 16 -il sena kif ukoll tagħat bosta drittijiet liż-żgħażagħ ta’ 16 iżda minkejja dan kollox, bħala grupp ma naqblux li f’ dawn iċ-ċirkustanzi persuna ta 16-il sena għandu jkollha s-setghat legali biex taghmel dan it- tip ta xoghol. Ilkoll nafu li l- prostituzzjoni huwa cirku li la darba tidħol fih, difficli ħafna tohrog minnhu u jgorr mieghu hafna riperkussjonijiet u li bhala grupp, wara li tkellimna ma oqsma differenti qbilna li presumi li ghandhom inqas minn 18- il sena mghandhomx ikunu esposti biex jipprattikaw dan it- tip ta’ xoghol. Sakemm tilhaq certu eta’, il-bniedem ikun għaddej minn ħafna tibdiliet u żviluppi kemm fiżici kif ukoll mentali u rajna li minn kien espost ghall- prostituzzjoni, din ħalliet effett qawwija fuqhom fl- izvilupp tagħhom, u dan jidher iżjed bil-qawwa fuq adoloxxenti u persuni zghar li kienu ddaħħlu fiċ-ċirku tal-prostituzzjoni minn età relattivament żghira.

Is-soċjetà, fl-oqsma differenti li joħolquha għanda tkun ta eżempju u sors ta tagħlim għal tfal u żgħażagħ u dan għandu jsir permezz ta’ edukazzjoni b’ saħħitha li tkun taf tgħallem u tgħarraf tfal u żgħażagħ bir- riperkussjonijiet kbar u ibsin li l-prostituzzjoni iġġib magħha. Aħna rridu nkunu li nwasslu l-messaġġ biex inbegħdu iżjed liż-żgħażagħ milli jaqbdu din it- triq iżda għandhom jiżviluppaw il-ħiliet differenti tagħhom biex jilħqu l-potenzjal tagħhom u jsegwu karrieri li jagħtuhom sodisfazzjon mingħajr ma jkunu esposti għall- periklu.

## Saħħa

Minħabba l-istigma li teżisti kontra l-prattika tal-prostituzzjoni, wieħed faċilment jista' jinduna li hemm nuqqas ta' għarfien u edukazzjoni rigward il-bżonnijiet relatati mas-saħħa fost l-individwi involuti f'dan l-att. Dan-nuqqas iwassal ghat-teħid ta' mard relatat mal-att sesswali li, jekk wieħed ikollu aċċess għall- edukazzjoni xierqa, jista' faċilment jiġi evitat. Għalhekk, f'konformita' mal-għanijiet ta' dan l-abbozz, dawn il-miżuri jistgħu jiġu kkunsidrati sabiex is-sitwazzjoni kurrenti tiġi mtejba:

1. Wieħed għandu jagħraf il-bżonn ta' iktar sezzjonijiet informattivi rigward is-servizzi diġa' offruti, bħall-"Genito-Urinary (GU) Clinics", il-"Morning After Pill" u l-kontraċettivi, kif ukoll li jiġi pprovdut iktar informazzjoni ġenerali dwar is-saħħa sesswali.
2. Għandhom jinħolqu programmi tar-rijabilitazzjoni għal persuni li jiġu affettwati b'mod negattiv minħabba kwistjonijiet relatati mal-prostituzzjoni, bħall-abbuż tad-drogi u problemi ta' saħħa mentali.
3. Huwa xieraq li kull min ikun involut f'xi xogħol li għandu x'jaqsam mal-prostituzzjoni jingħata l-għażla li ma jibqax parti minn dan il-qasam. Għaldaqstant, għandhom jinħolqu "exit programs" għal dawk kollha li jieħdu din id-deċiżjoni u li jkollhom bżonn l-għajnuna sabiex iwettquha.
4. Għandu jkun hemm iktar edukazzjoni rigward il-kunċett ta' "safe sex and consensual sex" minn eta' iżgħar, sabiex jiġi evitat kemm jista' jkun il-mard sesswali.
5. Għandha tkun ħaġa meħtieġa mil-liġi li kull min jaħdem f'dan il-qasam għandu jkollu "check-ups" regolari. Dan sabiex il-ħaddiema jiġu ċċertifikati li mhumiex qegħdin isofru minn mard sesswali, u li jistgħu jkomplu b'xogħolhom.
6. Bħala klijent, wieħed għandu wkoll jieħu f'idejh ir-responsabbilta' li, bħall-ħaddiema, ikollu "check-ups" regolari, sabiex ma jpoġġix lill-ħaddiema f'pożizzjoni detrimentali għal saħħithom.
7. F'każ fejn l-aġent tal-ħaddiema jweġġagħhom fiżikament, għandu jkun hemm pieni kriminali ħorox għalihom.
8. Għandha tkun għażla legali għall-ħaddiem li jtella' l-aġent il-Qorti f'każ li dan tal-aħħar jipprova jisfurzah biex iwettaq xi att li jkun ta' detriment għas-saħħa tiegħu.
9. Għandu jkun hemm "*unit*" speċjali fil-forzi tal-pulizjia għall-każijiet ta' abbuż bejn l-aġent u l-ħaddiema tiegħu. Nistghu nikkumparaw u nħarsu lejn il- liġi li tigi prattikata ġewwa l- Iżvezja li tista tkun ta' eżempju li nistgħu nimxu miegħu.

# Fastidju Sesswali

Bħala Għaqda taż-Żgħażagħ, aħna nemmnu bis-sħiħ u niddefendu l-ugwaljanza, nemmnu li l-fastidju sesswali huwa ksur intollerabbli u inaċċettabbli tad-dinjità ta' kullħadd. Għalhekk, aħna ma nittollerawx l-ebda forma ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol. Is-soċjetà tagħna għandha d-dmir li tirrispetta u tissalvagwardja dawn il-prinċipji. Il-ħaddiema li jaħdmu fis-settur tas-sess li jaqgħu vittmi ta' fastidju sesswali jeħtieġ li jkollhom faċilita' fejn jistgħu jirrappurtaw tali trattament ħażin.

L-ghanijiet prinċipali huma:

1. Biex jiġi żgurat trattament rispettabbli għal persuni li jaħdmu fis-settur tas-sess;
2. Biex tassigura d-dinjità, il-benessri u l-iżvilupp personali tal-individwi li qedgħin fil-prostituzzjoni;
3. Biex jiġi żgurat li l-imsemmija impjegati milli jiġu vittimizzati meta jitressaq ilment ta' fastidju sesswali. Nipproponu li l-vittmi jingħataw informazzjoni dwar il-mezzi biex ifittxu għajnuna. Jeħtieġ li l-każijiet kollha ta' fastidju sesswali jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali u jeħtieġ li jittieħdu proċeduri legali dixxiplinarji serji;
4. Li titrawwem l-integrità fis-soċjetà tagħna u ambjent sigur, li jipprevjeni kull okkorrenza ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħolijiet kollha.

Id-definizzjoni ta' fastidju sesswali li tinsab fl-artikolu 9 (1) tal-Att dwar l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa, Kapitolu 456 tal-Liġijiet ta' Malta: Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29 (2) L-Avviż Legali 181/2008, Aċċess għal Oġġetti u Servizzi u l-Provvista tagħhom (Trattament Ugwali) (li jiddeskrivi l-illegalità ta' fastidju sesswali fil-provvista ta' servizzi), ikun illegali li kwalunkwe persuna tagħmel fastidju sesswali fuq persuni oħra, jiġifieri:

- Li persuni oħra jiġu soġġetti għal att ta' intimità fiżika;
- Jitolbu favuri sesswali minn persuni oħra;
- Li persuni oħra jiġu soġġetti għal kwalunkwe att jew imġieba b'konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem mitkellma, ġesti jew il-produzzjoni, wiri jew ċirkulazzjoni ta' kliem bil-miktub, stampi jew materjal ieħor, fejn l-att, il-kliem jew l-imġiba mhux aċċetata jew approvata mill-persuna soġġetta u jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala offensivi, umiljanti jew intimidanti lill-persuni li lilhom qed taffetwa;
- Il-persuni hekk suġġetti jew mitluba jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minħabba din iċ-ċaħda jew sottomissjoni ta' dawn il-persuni għal din is-suġġezzjoni jew talba, jista' raġonevolment jiġi antiċipat li dawn il-persuni jiġu hekk ittrattati.

Dan t'hawn fuq mhuwiex eżawrjenti u m'għandux jitqies bħala tali. Biex iseħħ fastidju sesswali, l-imġiba sesswali m'għandhiex tkun mixtieqa. L-interazzjoni sesswali, il-flirtrazzjoni, l-attrazzjoni jew il-ħbiberija li huma mistiedna, reċiproċi, konsenswali jew reċiproċi m'hijiex fastidju sesswali.

# Edukazzjoni

L-edukazzjoni hija l-aqwa għodda li nistaw nużaw biex nedukaw is-socjeta' tagħna, miż-żghir sal-kbir. Għandna bżonn nedukaw lit-tfal minn ta' eta' zgħira fuq ir-relazzjonijiet. Inkomplu nsahhu din l-edukazzjoni huma u jikbru billi jitgħallmu dwar is-sahha sesswali kif ukoll ir-realtajiet li jduru mal-prostituzzjoni. Aħna bħala partit nemmnu li fl-iskejjel m'hemmx biżżejjed tagħlim rigward dan is-suġett u għaldaqstant hemm bżonn li jiġi introdott dan it-taghlim. L-edukazzjoni fuq is-saħħa sesswali magħndiex tieqaf sal-bieb tal-iskola imma tkompli ukoll biex tilhaq il bqija tas-soċjeta'. Il-kampanji nazzjonali għandom ikunu ta' għodda biex nedukaw is-soċjeta'. Għalhekk aħna:

1. Nipproponu li s-suggett tal-prostutizzjoni jigi mghallem fl-iskejjel sekondarji inkluz fis-suggett mis-sillabu f'year 11. Dan ghaliex l-istudenti jkunu diga tghallmu dwar l-gharfien tal-mard sesswali, il-process u l-funzjonijiet tal-bniedem u anke jkun izjed matur fuq is-suggett.
2. Iktar għarfien dwar kif persuna sesswalment attiva tista' tipproteġi lilha innifisa mill-mard sesswali kif ukoll tagħrif fuq is-servizzi li hawn offruti mill-gvern biex isiru check ups regolari. Għalkemm hawn bosta ċentri tas-saħħa fejn wieħed jista' jagħmel it-testijiet, ftit huma dawk li jiċċekjaw saħħithom regolari. It-tema tal-edukazzjoni sesswali m'għandniex inqisuha bħala "taboo" iżda bħala opportunita' biex nedukaw lit- tfal minn eta' zgħira ħalli niprevjenu.
3. Hemm bżonn li fl-iskejjel isiru lezzjonijiet informattivi mhux biss fuq kif tieħu ħsieb saħħtek imma iridu jsiru ukoll lezzjonijiet informattivi fuq affarijiet bħal pill, morning after pill, kondoms, IUD etc.
4. Nipproponu li issir kampanja nazzjonali fejn tolqot il-punti importanti fuq iċ-cirku tal-prostituzjoni u toħloq kuxjenza dwar is-saħħa sesswali.

# Tagħrif sesswali ghal persuni b'dizabbilita'

Tagħraf li l-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità tistabilixxi d-dritt ta' Persuni b'Diżabilità għal relazzjoni u li jwaqqfu familja, fost ohrajn f'artiklu 23. Kif ukoll Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità f'Malta tishaqq, fl-Att dwar Persuni b'Diżabilità, li kull persuna b'diżabilità għandha d-dritt li tilħaq il-milja tal-kapaċitajiet fiżiċi, sesswali, riproduttivi, emozzjonali, soċjali, artistiċi u intellettwali tagħha.

1. Tipproponi li jsir iktar ricerka fuq kif in-nies b'diżabbilita', peress li hemm diversi diżabbilitajiet, kif jistgħu jwettqu u jesperjenzaw l-atti sesswali

2. Tinkoraġġixxi diskussjonijiet serji u l-għajnuna tal-esperti fil-qasam tas-sess biex jkomplu jiftħu fuq dan is-suġġett peress li ghadhu pjuttost taboo fis-socjeta', specjalment f'Malta.

3. Tispera illi l-iskejjel ikunu l-ewwel opportunitá sabiex ssir iżjed tagħlim miftuħ fuq l-irwol tas-sess fil-ħajja ta' kull individwu, anke għall-individwi b'diżabbilita, biex b'hekk titnaqqas it-taboo.

4. Tifhem li mhux kull persuna b'diżabbilita' tkun lesta għall-implikazzjonijiet emozzjonali li jġib miegħu is-sess. Għalhekk hemm bżonn ta' counselling mogħti b'mod partikolari lill-persuni b'diżabbilita', fejn wara li jigu mogħtija kull tagħrif, jkunu jistgħu jieħdu d-deċizzjoni ta' kif jixtiequ jkomplu bil-ħajja sesswali tagħhom bilmod li jkunu komdi huma.

5. Tipproponi li jkun hawn iktar hajr ghal-esperti biex jiffukkaw fuq l-bżonnijiet sesswali tan-nies b'dizabbilita, kif hawn tiga ghan-nies li m'ghandhomx diżabbilita'.

6. Tipproponi li jkun hemm post apposta ghal dan is-servizz fejn il-persuni esperti li ħa jkunu qedgħin jagħtu dan is-servizz, jkun f'ambjent tranquil u sikur biex b'hekk ma jsir ebda abbuz u jigi assigurat l-benesseri tal-persuni b'dizabbilita li jagħzlu li jagħmlu użu minn dan is-servizz.

7. Tinkoraġixxi li jsir mezz ta' kif persuni b'dizabbilita' għandhom jingħatu l'għajnuna meħtiega filwaqt li jiġu inkorraġuti biex joħolqu relazzjonijiet u jinkludu rwiehom fis-soċjeta.

# Parteċipanti

Jennifer Polidano
Dejan Darmanin
Martina Farrugia
Katrin Busuttil
Justine Xuereb
Kendrick Bondin
Leon Chetcuti
Emma Sammut
Matthew Seychell